# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Marzu, 2025**

**Talba Nru: 67/2023MD**

**Av. Malcolm Mifsud**

**Av. Paul Radmilli**

**Mifsud & Mifsud Advocates**

**Vs**

**Dr Mattia Felice bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lil Nicole Stokes[1]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-3 ta' Marzu, 2023[2] permezz ta' liema l-atturi talbu li t-Tribunal jiddikjara lil konvenuta bħala debitriċi tad-ditta Mifsud & Mifsud Advocates u konsegwentement tħallas s-somma globali ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u disgħin ewro u erbgħin ċenteżimu (€3,398.40) rappreżentanti fattura datata 3 ta' Frar 2023 fl-ammont ta' sebgħa mija u wieħed u tletin ewro u sittin ċenteżimu (€731.60) u fattura datata

[1] A fol 10 et seq tal-proċess
[2] A fol 1 et seq tal-proċess

20 ta' Jannar 2023 fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u sitta u sittin  ewro u tmenin ċenteżimu (€2,666.80), liema somma ma tħallsitx mill-konvenuta.  Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Ra r-risposta ta' Dr. Mattia Felice bħala Kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta lill-assenti Nicole Stokes ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2023[3] fejn eċċepixxa s-segwenti:

*L-intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tal-attur fl-inter tagħhom u dan għar-raġunijiet segwenti;*

1. *Ill l-esponent m'huwiex edott mill-fatti u għalhekk qed jirriżerva d-dritt li jippreżenta risposta ulterjuri g'każ u jekk jiġi edott mill-fatti;*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent irid jipprova li għamel l-almu tiegħu biex jinnotifika lill-intimata bil-mezzi li tistipula l-Liġi;*

3. *Illi r-rikorrent għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha li jista' jkollu dwar l-intimata Nicole Stokes;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Ra l-affidavits prodotti.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

L-atturi jitolbu li t-Tribunal jiddikjara lil konvenuta bħala debitriċi tad-ditta Mifsud & Mifsud Advocates u konsegwentement tħallas s-somma globali ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u disgħin ewro u erbgħin ċenteżimu (€3,398.40) rappreżentanti fattura datata 3 ta' Frar 2023 fl-ammont ta' sebgħa mija u wieħed u tletin ewro u sittin ċenteżimu (€731.60) u fattura datata 20 ta' Jannar 2023 fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u sitta u sittin  ewro u tmenin ċenteżimu (€2,666.80), liema somma ma tħallsitx mill-konvenuta.

[3] A fol 10 et seq tal-proċess

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit tal-**Perit George Pullicino**[4] li permezz tiegħu ddikjara fil-21 ta' Lulju, 2022 għamel kuntatt miegħu permezz ta' *email* l-Av Paul Radmilli minn Mifsud & Mifsud Advocates fejn talbu jagħtih kwotazzjoni għas-servizzi professjonali tiegħu, liema servizzi kienu jikkonsistu fi tfassil ta' rapport ta' stima ta' sehem Nicole Stokes f'żewġ proprjetajiet. Fit-3 ta' Ottubru, 2022 l-avukat kien infurmah permezz ta' *email* li Nicole Stokes li tirrisjedi fl-iStati Uniti kienet tatu struzzjonijiet sabiex imexxu bl-istimi. Kull darba li kellu bżonn informazzjoni sabiex jipproċedi bix-xogħol tiegħu għal dan is-servizz kien jikkuntattja lill-Avukat li kien jiksiblu l-informazzjoni u jgħaddijilu. Kien l-Avukat li kien introducih ma Roland Cauchi sabiex jingħata aċċess għal-proprjetajiet. Wara li mar fuq il-post sar jaf li kien hemm ċnus u kirjiet fuqhom u minħabba f'hekk ma setgħax jikkonkludi r-rapporti tal-valutazzjonijiet għaliex kellu bżonn iktar informazzjoni. L-Avukat kien infurmah li l-informazzjoni li l-intimata kienet għaddietlu kien ftit li xejn u għalhekk irriżulta f'dewmien ta' ftit xhur sabiex jitlesta r-rapport. Ippreżenta r-rapporti fl-24 ta' Jannar, 2023. Wara li lesta x-xogħol ħareġ il-kont li kien jammonta għal-sebgħa mija u tminn ewro (€708.00)[5]. Mifsud & Mifsud Advocates ħallsu l-kont direttament lilu.

Ra l-affidavit tan-**Nutar Astrid Parnis**[6] li permezz tiegħu ddikjara li fil-21 ta' Lulju, 2022 għamel kuntatt miegħu permezz ta' *email* l-Avukat Paul Radmilli minn Mifsud & Mifsud Advocates[7] fejn talabha ttih kwotazzjoni għas-servizzi professjonali tagħha liema servizz kien jikkonsisti fil-pubblikazzjoni tal-*Causa Mortis* għal wirt ta' beni mmobbli ta' żewġ proprjetajiet li s-Sinjura Stokes wirtet mingħand missierha u għal-pubblikazzjoni ta' kuntratt għall-eventwali bejgħ tas-sehem tagħha. Minħabba li ma tantx kellhom informazzjoni fuq it-testatur u informazzjoni oħra li kellhom bżonn għal *causa mortis*, bħal evalwazzjoni tal-proprjeta, baqgħet tikkordina mal-Avukat. Fit-18 ta' Jannar, 2023 l-Avukat kien informaha permezz ta' *email*[8] li kien ingħata informazzjoni fuq il-provenjenza tal-proprjetajiet minn Ronald Cauchi u kien għaddielha din l-informazzjoni. Flimkien mal-Avukat daru d-dokumentazzjoni sabiex jaslu għal-provenzjenza tal-proprjetajiet[9]. Fl-iskambju ta' *emails* mal-Avukat raw kif l-aħjar jiġi żgurat li l-konvenuta ma tinkorrix ħlasijiet ta' taxxa żejda fiċ-ċirkostanzi partikolari tagħha[10]. Sussegwentement ġiet informata li l-klijenta kienet qed tirrifjuta li tħallas kwalunkwe miżata għax-xogħol li sar u kienet qed tinsisti li tħallas biss wara li jsir il-bejgħ tas-sehem tagħha. Malli ġiet informata b'dan ma baqatx taħdem fuq dan ix-xogħol u ma ħarġet l-ebda kont għax-xogħol li kien ġja sar.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kawża odjerna si tratta fuq servizzi reżi mid-ditta Mifsud & Mifsud Advocates lil konvenuta.

[4] A fol 31 et seq tal-proċess
[5] A fol 32 tal-proċess
[6] A fol 33A tal-proċess
[7] A fol 34 et seq tal-proċess
[8] A fol 30 et seq tal-proċess
[9] A fol 41 et seq tal-proċess
[10] A fol 44 et seq tal-proċess

Jirriżulta illi l-konvenuta tirrisjedi ġewwa l-Istati Uniti.

Il-kontestazzjoni tal-konvenuta għall-kawża odjerna tirriżulta mill-*email* datata 19 ta' Mejju, 2023[11]. Primarjament bdiet billi tirrileva illi hija qatt ma rċiviet jew qablet ma ebda kwotazzjoni għas-servizzi msemmija fejn esebit *emails* mibgħuta minnha lill-istess avukati dwar *follow ups* u tistaqsi dwar il-progress tal-kawża tagħha wara żmien twil ta' silenzju mill-istess ditta. Fir-rigward tat-tieni fattura qalet li ma taqbilx ma diversi affarijiet fejn kjarifikat li għalkemm l-fattura tgħid li minn Lulju bagħtilha tlettax (13)-il *email*, li wħud minnhom huma parir legali, kjarifikat li ma ngħatat l-ebda parir legali mill-Avukat Radmilli iżda sempliċiment ikkordina infromazzjoni li provdit hija sabiex ikellem lin-Nutar u lil Perit. Hija wkoll staqsiet dwar l-applikazzjoni tar-rata li hija fir-rigward ta' Paul li huwa *junior* tat-tim, tifhem li jkun iktar għal persuna *senior* bħal Malcolm. Hija kienet assigurata li dan ix-xogħol ikun konkluż sa l-aħħar tas-sena 2022 iżda ma rċiviet l-ebda informazzjoni ħlief meta kkontestat l-fattura, li intbagħtet wara ħafna żmien. Qalet li s-servizzi li wegħduha inkluż l-valutazzjonijiet tal-proprjetajiet baqgħu ma waslux, liema sitwazzjoni krejat frustrazzjoni. Il-prattika ġewwa l-Istati Uniti hija li l-ewwel isir is-servizz qabel ma jintalab il-ħlas. Staqsiet jekk il-Liġi Maltija taċċettax li jsir ħlas qabel isir ix-xogħol, ġjaladarba x-xogħol ma kienx komplet jew mhux ta' standard aċċettabbli. Kompliet tgħid li hi lesta li tħallas il-fattura, b'kundizzjoni li tirċievi id-dokumenti kompleti tal-valutazzjoni li tħoss li huma tajbin u reviżjoni tal-*items* li hemm disputa dwarhom. Għal kull *item* hija titlob *email* b'referenzi dettaljati għal dak li qed jitolbu u d-dati rispettivi u dan għaliex huma vagi u l-fatturi rċiviethom wara ħafna xhur li talbithom. Lesta li tħallas ta' sagħtejn xogħol li għamel Dr. Paul Radmilli u mhux ħames siegħat li tħoss li hu ġust ġjaladarba l-maġġjor apprti tax-xogħol kien li hi titlob għal *updates*. Hekk kif qalet fl-aħħar dokument Ronald Cauchi, ix-xerrej prospettiv ta informazzjoni ħażina dwar il-proprjetajiet ta' missierha u d-dokumenti ġewwa l-Istati Uniti dwar l-ishma tal-proprjeta', li issa huma responsabilita' tagħha. Dan tarah bħala kunflitt ta' interess u tgħid li hi kellha tkun ikkonsultata.

Il-konvenuta tikkontendi illi hija qatt ma rċiviet jew qablet ma ebda kwotazzjoni għas-servizzi msemmija. Jirriżulta illi saru skambju ta' *emails*, fejn fit-13 ta' Lulju, 2021, Richard Stokes bagħat *email*[12] fejn spejga li l-kunjatu tiegħu miet ftit taż-żmien qabel u li kellu sehem ta' 1/18 minn żewġ propretajiet u li xtaq jara jekk jipprovdux stima tal-valur tal-proprjeta' jew ishma u jgħinu f'tali bejgħ ta' ishma. Fl-14 ta' Lulju, 2021[13] Dr. Malcolm Mifsud irrispondha li jistgħu jassistu u spjegalu kif. Il-konvenuta kienet irrispondiet billi staqsiet kemm huma l-miżati fejn Dr. Malcolm Mifsud irrisponda billi qalilha li l-miżata hija ta' mija u tmenin ewro (€180) is-siegħa iżda meta jkun jaf l-valuri jkun jista jagħtiha stima fuq liema *email* hija irrispondiet.

Mid-dokumenti esebiti mill-partijiet jirriżulta illi il-konvenuta kompliet tikkomunika mal-istess ditta l-ewwel ma' Dr. Malcolm Mifsud, imbagħad ma' Dr. Catherine Mifsud u eventwalment ma' Dr. Paul Radmilli. Jirriżulta wkoll illi l-kommunikazzjoni kompliet u għalkemm ma kkonfermatx ir-rata li titħallas id-ditta jidher li kien qed isir ix-xogħol sabiex jiġu vvalutat il-post tant li saħansitra għadditilhom l-informazzjoni hija, liema informazzjoni ġiet mgħoddija lil professjonisti oħra sabiex ikunu jistgħu jitħejjew ir-rapport, kif ukoll il-*causa mortis*. Jirriżulta wkoll illi ngaġġaw kemm lin-Nutar Dr. Astrid Parnis sabiex tippubblika l-*causa mortis*

---

[11] A fol 107

[12] A fol 55 et seq tal-proċess

[13] A fol 109 tal-proċess

u l-konvenju u eventwalment għal bejgħ tal-ishma kif ukoll il-Perit George Pullicino sabiex jipprepara l-evalwazzjoni tal-proprjetajiet, għal-liema hija kkonfermat li għandha bżonn l-assitenza sabiex dawn isiru[14]. Jirriżulta li l-Perit Pullicino ta stima tas-servizzi tiegħu għal liema hija qablet, tant li anke kienet qalet lil Dr. Malcolm Mifsud sabiex iċempel lil Ronald Cauchi biex sabiex issir valutazzjoni tal-proprjetajiet[15] u r-rapporti saru, kif ukoll ġew imħallsa.

Mill-*email* datat 19 ta' Jannar, 2023 jirriżulta li hija kkonfermat li "...*The reason I have been working with you over the last year and a half is because I wanted to get this all taken care of legally and get a fair evaluation of the two property shares. Lastly can you share what the fees are for you and the notary and architect to date? Since this has taken 18 months I would like this to be taken in consideration as well when writing up the bill*."

Jirriżulta li r-rapporti tal-Perit George Pullicino[16] ġew redatti fil-21 ta' Jannar, 2023 fejn fl-affidavit spjega r-raġuni għaliex ħadlu l-ħin sabiex jagħmel ir-rapporti u dan għaliex kien hemm kwistjoni ta' x'tip ta' ċnus kien hemm fuq il-proprjetajiet u ma kellhomx ħafna informazzjoni, u li r-rapporti ġew imħallsa mid-ditta tal-atturi[17].

Jirriżulta li saru diversi skambji ta' *emails* kemm mal-Perit u kemm man-Nutar fejn il-konvenuta kienet informatha b'dawn. Illi fl-aħħar *email* il-konvenuta talbet li jieħdu in konsiderazzjoni d-dewmin sabiex isir ix-xogħol. It-Tribunal ma jistax jifhem għaliex jekk l-istess konvenuta ma kienetx kuntenta bis-servizz mogħti lilha mid-ditta, ma tterminatx l-inkarigu u baqgħet tirrispondi għall-informazzjoni rikjesta mill-istess avukati tad-ditta.

Għalhekk mill-atti jirriżulta illi hija qatt ma waqqfet l-inkarigu mogħti lid-ditta.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn dan il-każ billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta filwaqt li jilqa' t-talba attriċi, jiddikjara lil konvenuta debitriċi tal-atturi u konsegwentment jordna lill-konvenuta sabiex tħallas s-somma ta' tlett'elf, tlett mija u tmienja u disgħin ewro u erbgħin ċenteżimu (€3,398.40) bl-imgħax mit-3 ta' Frar, 2023[18].

L-ispejjeż jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[14] A fol 65 et seq tal-proċess, *email* datata 10 ta' Lulju, 2022
[15] A fol 119 tal-proċess, *email* datata 15 ta' Lulju, 2021
[16] A fol 88 et seq tal-proċess
[17] A fol 33 tal-proċess
[18] Mid-data tal-aħħar fattura, a fol 7 tal-proċess